**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 235/2018**

**Business Media Holding Limited**
**socjeta registrata fl-Islovenja**
**vs**

**Confab Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-12 ta' Marzu 2018 li jghid hekk:

1. IIli s-socjeta intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' €18,000 prezz ta' servizzi ta' reklamar televisiv maghruf ukoll bhala airtime lilha moghti mis-socjeta mittenti bejn it-30 ta' Ottubru 2017 u l-31 ta' Dicembru 2017, liema somma hija dovuta ai termini tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti li qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument A u skont l-erba' invoices li qed jigu hawn annessi u mmarkati komplessivament bhala Dokument B.

2. In oltre s-socjeta rikorrenti ghandha tigbor minghand dik intimata piu dawn it-€18,000 imsemmija l-imghaxijiet legali dovuti fuqhom minn meta dawn is-servizzi gew rezi sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat u cioe mid-data ta' kull meta dawn l-erba' invoices intbaghtu wara illi s-servizzi gew rezi sad-data tal-pagament effettiv.

3. IIli ghalkemm is-socjeta intimata giet interpellata permezz ta' diversi emails biex tissalda l-ammont minnha dovut, baqghet lanqas biss irrispondiet ghal dawn l-emails interpellatorji li qed jigu hawn annessi u mmarkati komplessivament Dokument C, filwaqt li wara li giet lilha mibghuta itta ufficjali 166A, ittra numru 22/2018 Dokument D hawn anness, din irrispondiet, xotta xotta illi l-talba li saritilha kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u xejn izjed.

4. Illi dan l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u skadut u s-socjeta intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissolleva ghat-talba maghmula kontriha permezz ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, l-esponenti nomine jitlob bir-rispett lii din l-Onorabbili Qorti, prevja d-dispenza mis-smigh tal-kawza ai terminu tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ghandhiex din il-Onorabbili Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi ilii s-socjeta intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' €18,000 piu l-imghaxijiet bit-8% fuq kull somma skaduta skont l-erba' invoices u mmarkati komplessivament dokument A sad-data tal-pagament effettiv.

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lil dik rikorrenti s-somma ta'€18,000 piu l-imghaxijiet dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 22/2018 ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2018 bl-imghaxijiet legali mid-data ta meta giet dovuta kull somma li tidher fuq l-invoices fuq riferiti dokument A minn dakinhar sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzzjoni tas-socjeta intimata u d-diretturi u l-ufficjali taghha ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat ix-xhieda moghtija bil-gurament mill-marixall tal-Qorti fid-19 ta' April 2018 fejn jispjega r-rifjut tan-notifika;

Il-Qorti wara li semghet tali xhieda qieset li n-notifika tas-socjeta konvenuta hi wahda valida skont il-ligi;

Rat li l-Qorti iddiferiet il-kawza ghad-9 ta' Mejju 2018 fejn la s-socjeta konvenuta u anqas id-difensur taghha ma dehru u kwindi l-istess socjeta konvenuta giet dikjarata fi stat ta' kontumacja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tad-difensur tas-socjeta attrici Dr Kenneth Grima fejn bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut billi s-socjeta konvenuta ma hallset xejn;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-

kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €18,000 reprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar televisiv maghruf ukoll bhala airtime, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali fuq kull somma skaduta skont l-erba' invoices sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur